MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1931/2003

**Joseph Manicolo**

**vs**

**Gino Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' erbgha mija u tmintax il-lira Maltin u tmenin centezmu (Lm418.80) rapprezentanti xoghol ta' tinda ta' dghajsa li saret fuq inkarigu tieghu stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-15 ta' Settembru, 2003 u bl-imghax legali mill-10 ta' Gunju 2003 (data tal-hrug tal-ircevuta) sad-data tal-hlas effettiv, ilkoll

kontra l-koonvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' erbgha mija u tmintax il-lira Maltin u tmenin centezmu (Lm418.80), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------